**A.L. 22 ta' l-1989**

## ATT TA' L-1976 DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (ATT NRU. XV TA' L-1976)

### Ordni ta' l-1989 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, l-Aġent President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

**1.** Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1989 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà). Titolu.

**2.** Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar. Proprjetà speċifikata.

**3.** Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-11 ta' Jannar, 1989.

**4.** Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri: Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern tal-Imqabba By-Pass, limiti tal-Imqabba:

(i) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 34 sa 37 ta' madwar 880 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal, Xlokk, Lbiċ u Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern; u

(ii) Biċċa art li tikkonsisti fi *plot* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru. 52 ta' madwar 315 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, Nofs in-Nhar, Lvant u Punent ma' proprjetà tal-Gvern.